# Il-Verġni Mqaddsa Marija ta' Lourdes u d-devozzjoni lejha fl-Isla

● Fabian Mangion
*B.A., S.Th. Lic.*

Lourdes, belt żgħira ħdejn il-Pirinej il-muntanji li jifirdu Franza minn Spanja, ftit kienet magħrufa sal-1858. Dak li kellu jagħmilha ċentru ta' attrazzjoni għad-dinja kollha kienet grotta moħbija u minsija minn kulħadd — grotta fil-blata ta' Massabielle li kienet isservi bħala post ta' kenn lir-ragħajja tal-post u lill-merħliet tagħhom. Minnha bdiet dik l-opra grandjuża tal-ħniena ta' Marija.

**B'libsa bajda u faxxa kaħla**

Fil-11 ta' Frar 1858, l-aħħar ġurnata tal-Karnival, tfajla fqajra ta' erbatax-il sena, għall-ħabta tal-ħdax, ħarġet minn darha m'oħtha iżgħar minnha u ma' ħabiba oħra, u marret issib xi ftit zkuk għan-nar. Kienet Bernardetta Soubirous, xbejba sempliċi u marradija, iżda innoċenti u twajba, li l-Madonna għażlitha bħala strument għall-pjan tagħha - għodda umana ċkejkna ta' ħidma kbira u divina.

Waqt li t-tfajla kienet tfittex post mnejn tista' taqsam ix-xmara Gave, ħasset bħal buffura riħ qawwija żżommha u, f'nofs ta' dawl qawwi, bil-wieqfa fid-daħla tal-grotta, rat sinjura ta' sbuħija singulari u ta' mġiba maestuża. Kienet tidher ta' xi għoxrin sena, la twila u lanqas qasira. Kellha libsa twila bajda aktar mis-silġ, marbuta f'qaddha b'faxxa lewn is-sema b'għoqda quddiem u nieżla rduppjata sa rkobbtejha. Rasha kienet mgħottija b'velu abjad, jinżel sal-art u fuq kull riġel kienet tiddi warda mdiehba.

F'idha kellha kuruna sabiħa tar-Rużarju, biż-żibeġ bojod minsuġin bid-deheb u b'salib tad-deheb. Idejha kienu mgħaqqdin quddiem sidirha u għajnejha



*L-artal iddedikat lill-Madonna ta' Lourdes fil-kappellun tal-lemin tal-knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo, fl-Isla.*



*Dun Angelo Raggio (1852-1928), saċerdot Senglean li ħabrek biex fl-Isla tinbet devozzjoni lejn il-Madonna tal-Lourdes.*

fissi lejn is-sema, bħal waħda qiegħda titlob. F'din l-ewwel dehra s-Sinjura tas-sema għallmitha trodd is-salib bid-devozzjoni u, waqt li kienet tgħodd iż-żibeġ tal-kuruna, bdiet tħeġġiġha bl-eżempju ħalli tgħid hi wkoll ir-Rużarju.

Id-dehriet kienu b'kollox tmintax. F'dawn id-dehriet, is-Sinjura ħeġġitha biex titlob għall-midinbin u biex tagħmel penitenza. Talbitha wkoll biex tgħid lis-saċerdoti ħalli jibnulha hemm knisja, fejn il-popli jistgħu jmorru jitolbu. Sadattant, il-poplu, miġbud mill-għeġubijiet li bdew isiru u l-grazzji li bdew jinkisbu, beda kulma jmur jiżdied, minn dehra għal oħra. Mhux ta' min jistagħġeb li l-kobor tal-folla beda jħasseb lill-awtoritajiet ekkleżjastiċi minn banda waħda u li kibret l-oppożizzjoni tal-awtorità ċivili, anti-reliġjuża u atea mill-banda l-oħra. Iżda l-lealtà u s-sinċerità tat-tfajla, flimkien mal-fejqan sopranaturali li kien diġà beda jsir fil-beraħ, rebħu fuq kull xkiel u kull biża'.

Ftit xhur kienu biżżejjed biex iwasslu l-isem ta' Lourdes barra mill-fruntieri ta' Franza. L-aħħar dehriet saru quddiem bosta eluf ta' fidili. Bernardetta għexet għal sentejn oħra f'darha, u mbagħad talbet biex tidħol mas-Sorijiet tal-Karità ta' Nevers, u saret soru magħhom fl-1865. Għexet erbatax-il sena oħra, qalb ħafna mard u sofferenzi, u mietet fis-16 ta' April 1879, b'sinjali mhux ordinarji ta' qdusija. Il-Papa Piju XI iddikjaraha Beata fl-14 ta' Ġunju 1925 u Qaddisa fit-8 ta' Diċembru 1933.

## Devozzjoni li tinfirex

Il-qima lejn il-Madonna taħt dan it-titlu ta' Lourdes kienet bdiet tinfirex minnufih mad-dinja nisranija. Is-Santwarju ta' Lourdes beda jsir magħruf dejjem iżjed sakemm kellu jsir l-aktar wieħed importanti fost is-Santwarji Marjani kollha tad-dinja nisranija. Jekk fl-1858 kienu ftit għexieren ta' nies li kienu xhieda ta' dak li kien qed jiġri quddiem it-tfajla Bernardetta mhux l-istess jista' jingħad illum. Dan għaliex Loundes hu l-post li kull sena jżuruh miljuni ta' nies biex isegwu mill-qrib u b'devozzjoni kbira dak li għaddiet minnu Bernardetta fit-tmintax-il darba li rat lil Ommna Marija u tkellmet magħha.



*Medaljun li kien jintlibes mill-imseħbin fil-Congregazione dei Figli di Maria di Lourdes.*

Kien il-Beatu Piju IX, Papa, li ta l-permess biex fid-djoċesi ta' Tarbes, fejn tinsab il-belt ta' Lourdes, tibda tiġi ċċelebrata l-festa tal-Madonna ta' Lourdes b'Quddiesa u uffiċjatura proprji. Fl-1907, San Piju X, Papa, ried li l-festa tiġi ċelebrata fil-Knisja kollha fil-11 ta' Frar ta' kull sena.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes xterdet f'pajjizna wkoll u llum għandna żewġ

knejjes parrokkjali – San Ġwann tal-Imsieraħ (1965) u Raħal Ġdid (1974) - ddedikati lill-Madonna taħt dan it-titlu. Dan minbarra ż-żewġ kappelli tal-Furjana u tal-Imġarr, Għawdex.

## Devozzjoni fl-Isla

### Fil-knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo

Sa mis-sena 1662, kien hemm fl-Isla komunità ta' saċerdoti jgħixu flimkien f'kunvent taħt ir-regola ta' San Filippu Neri. Dawn kienu jissejħu Oratorjani u s-superjur tagħhom kien jissejjaħ prepostu. Filwaqt li kellhom f'idejhom il-kura tal-knisja ta' Sidtna Marija tal-Porto Salvo, huma kienu jgħixu fil-kunvent li sal-lum għadna naraw biswit din l-istess knisja.

Fl-1882, huma ħatru fil-kariga ta' prepostu lil Dun Angelo Raggio, saċerdot Senglean li kien għad kellu biss tletin sena. Minħabba nuqqas ta' vokazzjonijiet għal dan l-istil ta' ħajja komunitarja, huwa baqa' prepostu sa ma miet fl-1928. Għalhekk jista' jingħad li l-ħidma pastorali tiegħu kienet kollha kemm hi marbuta mal-knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo, magħrufa minn kulħadd bħala ta' San Filippu, fl-Isla.



*Il-mafkar fuq il-midfen tal-Kan. Dun Pietru Pawl Xuereb, il-Kappillan Senglean li rsista għal devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes fil-Qrendi. Dan jinsab fil-knisja arċipretali tal-Mosta fejn hu kien l-ewwel arċipriet bejn l-1887-1895.*

Id-devozzjoni kbira li dan is-saċerdot kellu lejn il-Madonna wasslitu biex għall-ewwel darba f'Malta, u f'din il-knisja, jibda d-devozzjoni tax-xahar ta' Mejju. Għal Monsinjur Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta, Raggio kien *"Appostlu tal-Madonna"*. Jingħad li l-unika safra tiegħu kienet biex jagħti qima lill-Madonna waqt pellegrinaġġ fis-Santwarju tal-Madonna ta' Monserrat, f'Katanja.

Kien hu wkoll li ħeġġeġ devozzjoni kbira lejn il-Madonna ta' Lourdes li kienet għadha devozzjoni ġdida. Fil-knisja ta' San Filippu, fuq l-artal li oriġinarjament kien iddedikat lill-Kurċifiss, huwa għamel grotta ċkejkna li tfakkar fl-għar ta' Massabielle. Huwa żejjen din il-grotta u dan l-artal bi statwa tal-Madonna, u oħra ta' Santa Bernardetta, xogħol l-istatwarju Senglean Karlu Darmanin (1825 – 1909).

Fuq dan l-artal, f'inqas minn għoxrin sena wara d-dehriet tal-Madonna f'Lourdes u bit-tħabrik ta' Dun Anġ Raggio, fil-11 ta' Lulju 1876 twaqqfet, b'digriet Veskovili, il-*Congregazione dei Figli di Maria di Lourdes*. Dun Anġ innifsu, fil-11 ta' Novembru 1876, ipprofessa bħala fratell f'din il-Kongregazzjoni li fit-3 ta' Diċembru 1877 ġiet affiljata mal-Arċkonfraternità ta' Sidtna Marija ta' Lourdes, imwaqqfa fil-Knisja ta' Marija Santissima tal-Verġni, f'Ruma.

Tajjeb hawn jingħad ukoll li kellu jkun saċerdot Senglean ieħor, il-Kappillan Dun Pietru Pawl Xuereb, li jagħti bidu għad-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes fir-raħal tal-Qrendi. Wara li fl-1877 Xuereb ikkumissjona pittura tal-Madonna ta' Lourdes lill-pittur Senglean Ġużeppi Bonnici, huwa għamel rikors lil Mons. Carmelo Scicluna, Arċisqof ta' Malta, biex titwaqqaf fratellanza tal-Madonna taħt dan it-titlu. L-Arċisqof Scicluna laqa'

x-xewqa tal-Kappillan Xuereb u, fil-21 ta' Jannnar 1878, waqqaf, skont il-liġijiet tal-knisja, il-Fratellanza tal-Beata Verġni Immakulata ta' Lourdes.

## Fit-toroq tal-Isla

Fil-Għejjer tagħna nsibu numru kbir ta' niċeċ li lkoll jirrakkuntaw storja u jħaddnu valur artistiku u kulturali. Għaldaqstant, flimkien mal-knejjes u l-kappelli, il-wirt reliġjuż tagħna jinsab ukoll fil-ħafna niċeċ li nsibu fit-toroq tagħna. L-istatwi u n-niċeċ jitkellmu ħafna fuq il-fidi qawwija ta' missirijietna, li wrew fiduċja straordinarja f'Alla f'sitwazzjonijiet diffiċli, urew gratitudni lejh meta ħassewh qribhom, u wrew id-determinazzjoni tagħhom li jagħmluh aktar magħruf u maħbub. Mixja qasira mat-toroq tal-Isla tlaqqagħna ma' għadd mhux żgħir ta' niċeċ u statwi li jżejnu l-kantunieri jew il-faċċati tad-djar f'din il-belt. Tlieta minn dawn huma ddedikati lil Sidtna Marija ta' Lourdes.



*L-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes li tinsab fi Triq San Ġwann Bosco kantuniera ma' Triq iż-Żewġ Mini.*

## Fi Triq iż-Żewġ Mini

Niċċa li tmur lura lejn l-aħħar snin tas-seklu dsatax u li hija ddedikata lill-Madonna ta' Lourdes, tinsab fl-inħawi tal-knisja ta' San Filippu, sewwasew f'kantuniera bejn Triq il-Grigal u Triq iż-Żewġ Mini. Bħala niċċa tikkonsisti biss f'qasma fil-kantuniera iżda x-xifer hu mżejjen b'burdura magħmula mill-weraq u fil-ponta ta' fuq tqiegħdet ras ta' anġlu tabilħaqq sabiħa u dettaljata, kif inhi l-istatwa tal-Madonna. Fil-fatt, l-istatwa fiha bosta dettalji artistiċi bħalma hu l-mant tal-Madonna nieżel minn fuq rasha u jgħattilha spallejha. Il-panneġġi li fiha huma l-isbaħ xhieda li din l-istatwa nħadmet minn id tajba.

Skrizzjoni minquxa fuq l-irħam in-naħa t'isfel tal-istatwa fiha dawn il-kelmiet: *Recitando una Salve Regina si lucrano 40 giorni d'indulgenza concesse da S.E. Mons. D. Carmelo Scicluna con decreto 19 giugno 1879.* (Kull min ilissen Salve Regina [quddiem din ix-xbieha] jakkwista 40 jum ta' indulġenza b'konċessjoni mogħtija mill-E.T. Mons. Carmelo Scicluna b'digriet tad-19 ta' Ġunju 1879)

## Fi Triq San Ġużepp

Niċċa mħaffra fil-ħajt iddedikata lill-Madonna tinsab mad-dar numru 52/53 fi Triq San Ġużepp. Din in-niċċa qed tistrieħ fuq bażi ħierġa mill-ħajt u hija mżejna b'diversi weraq minqux fil-ġebla. Mal-ġnub tan-niċċa naraw żewġ pilastri mżejna b'rużuni bil-ward li jibqgħu telgħin sal-parti ta' fuq tan-niċċa. Din il-parti ta' fuq hija mżejna b'disinn minqux u b'salib żgħir fin-nofs bħala final. Il-ħofra hija fit-tond kemm mill-ġnub kif ukoll minn fuq. Fin-niċċa mbagħad naraw l-istatwa tal-ġebel tal-Madonna ta' Lourdes.

Fuq irħama n-naħa t'isfel tan-niċċa naraw minquxa l-kelmiet: *B'digriet tas-16 ta' Frar tal-1887 l'Eccu Revmu Iskof ta' Ruspa u Amm. Apcu. ta' Malta Fra A.M. Buhagiar ghogbu jati 40 jum indulgenza lil cul min devotament jirrecita Ave Maria cuddiem din l-immagni ta' M. Ssma Ta' Lourdes.*



In-niċċa tal-Madonna ta' Lourdes li tinsab fi Triq San Ġużepp.

## Fix-Xatt

Hekk kif wieħed jibda miexi tul ix-xatt u jibqa' sejjer lejn il-ponta, f'nofs triq jiltaqa' ma' għar imdawwar bil-bozoz u magħluq b'kanċell. L-Għar ta' Mikelin, kif inhu magħruf dan il-post, lejn l-aħħar tas-seklu għoxrin ġie mnaddaf u mibdul f'għar tal-Madonna ta' Lourdes. Iżżejjen lil dan l-għar u mqiegħda f'ħofra minquxa fil-blat hemm statwa tal-ġebel tal-Madonna akkumpanjata minn statwa oħra ċkejkna ta' Santa Bernardetta. Bla dubju, dan l-għar illum sar ifakkar lil kull min jgħaddi minn ħdejh fid-dehriet tal-Madonna li seħħew fil-belt ta' Lourdes.

L-inawgurazzjoni ta' dan l-għar, jew aħjar, ta' din il-grotta tal-Madonna, hija mfakkra permezz ta' plakka b'dawn il-kelmiet: *Proġett imwettaq mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni tal-familja Mizzi - Ottubru 1998.*

## Għeluq

Huwa faċli llum issib min jittimbra din ir-reliġjożità bħala fanatiżmu jew prattika aktar pagana milli Kristjana - l-akkuża li bosta sekli ilu wasslet għall-kundanna tal-ikonoklasti. Iżda ma rridux ninsew li l-bniedem ma jistax jgħix ta' bniedem mingħajr ma juża sinjali. Kartolina mibgħuta lil xi ħadd f'okkażjoni ta' għeluq sninu, jew għall-Milied, rigal li wieħed jagħti lil xi ħadd biex juri gratitudni jew biex jawgura f'okkażjoni speċjali, bewsa jew tgħanniqa, mhumiex dawn kollha sinjali, u li lkoll inħossu l-ħtieġa tagħhom? Hekk ukoll statwa jew xi xbieha oħra, hi wkoll sinjal utli biex ifisser b'xi mod it-twemmin u l-qima tagħna.

In-niċeċ fit-toroq tagħna jwasslulna l-istorja tat-twemmin nisrani li missirijietna wrewha b'għemil estern. Hija storja ta' ringrazzjament lil Alla għal dak li għamel magħhom. Hija avventura ta' bnedmin li xtaqu jsieħbu oħrajn magħhom f'imħabbithom lejn Alla u lejn Ommu Marija.




*Il-Madonna u Santa Bernardetta fil-grotta li tinsab fix-xatt tal-Isla.*

Hija ġrajja ta' drawwiet li jkomplu juruna kemm missirijietna ħassew f'ħajjithom il-valur tat-twemmin nisrani.

Dawn in-niċeċ huma bħal knejjes ċkejkna. Missirijietna qishom riedu biċċa mill-knisja ma' darhom. Huma ma ridux biss qima lejn Alla f'xi rokna tad-dar. Riduha wkoll fit-toroq sabiex titfa' xaqq ta' dawl u ta' tama fil-qalb ta' oħrajn ukoll. Lilna li qed ngħixu fil-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin, dawn in-niċeċ għandhom ifakkruna fl-imħabba ta' missirijietna lejn ir-reliġjon għażiża tagħna. Għandhom jgħallmuna li missirijietna, fi żminijiet ta' ħajja iebsa ħafna iżjed minn tagħna, fittxew kenn f'min jista' jgħinhom tassew.

***Bibliografija***


Bonnici, A., *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina*, Parroċċa tal-Isla, 1991.

Bonnici, A., "125 sena ilu – L-Erezzjoni tal-Fratellanza tal-Immakulata bit-titlu ta' Lourdes fil-Parroċċa tal-Qrendi (1878-2003) - Ġrajjiet l-ewwel 34 sena," f'*Soċjetà Mużikali Lourdes, Qrendi,* Festa 2003, p. 25-32.

Grech, G., *Id-dehriet u l-Mirakli tal-Madonna*, Malta, 1991.

Mangion, F., *Xbihat Qaddisa fit-Toroq tal-Isla: Ġabra ta' Tagħrif dwar in-Niċeċ u l-Istatwi li naraw fit-Toroq ta' din il-Belt*, Malta 2010.

Mangion, F., "Dun Angelo Raggio: Saċerdot li fewwaħ lill-Isla bil-qdusija tiegħu," f'*Leħen is-Sewwa,* 29 ta' Settembru 2013, pġ. 20.



**Perry Garage**

BODY REPAIRS

Quarry 10, Floor 2, Garage 7,
Triq tal-Ibraġġ, Tal-Balal

Mob: 7986 0195

Email: perryautorepair@gmail.com

APPROVED BY ALL LEADING
INSURANCE AGENCIES

